# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-8 ta' Novembru, 2017.**

**Rikors Numru 198/2016 SM**

**Bank of Valletta p.l.c.**
**(C-2833)**

**vs.**

**Touchstone Properties Limited**
**(C-7939)**
**gia` Eliza Company Limited**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-11 ta' Marzu, 2016, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti, tramite r-rapprezentant taghha hemm indikata, sintetikament esponiet is-segwenti, (ara foll 1), u dan, kif sussegwentement korretta, (ara foll 45 u 76):

1.1. Illi permezz ta’ kuntratt ta’ self u bejgh in atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri datat it-13 ta’ Mejju, 1997, is-socjeta` intimata iddikjarat ruhha vera, certa u likwida debitrici tas-socjeta` rikorrenti fis-somma ta’ miljun, sitt mija u tletin elf, hames mija u wiehed u sittin euro u sebgha u tletin centezmu, (€1,630,561.37), flimkien mal-imghaxijiet ulterjuri sal-pagament effettiv, (ara foll 2 *et seq.*);

1.2. Illi illum id-debitu tas-socjeta` intimata mas-socjeta` rikorrenti jammonta ghal miljun u erbat elef, hames mija u sitta u sebghin euro, u sitta u sittin centezmu, (€1,004,576.66), flimkien mal-ispejjez u imghaxijiet ulterjuri mill-1 ta’ Frar, 2016, sad-datat tal-pagament effettiv, (ara foll 28 sa 33);

1.3. Illi ghaddew aktar minn hames (5) snin minn meta l-kuntratt fuq riferit seta’ jigi ezegwit;

1.4. Illi d-debitu fuq riferit ghadu ma thallasx u ghalhekk kienet kostretta tadixxi din il-qorti;

1.5. Illi ghalhekk titlob li din il-qorti:

1.5.1. Tawtorizza lis-socjeta` rikorrenti tezegwixxi l-kuntratt ta’ self u bejgh fuq indikat *in atti* tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri, datat it-13 ta’ Mejju, 1997;

1.5.2. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata;

2. Rat id-digriet taghha datat it-23 ta’ Marzu, 2016, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors guramentat promotur ghas-smigh fl-udjenza hemm indikata, (ara foll 34);

3.0. Rat ir-risposta datata t-8 t’April, 2016, li permezz taghha s-socjeta` intimata sintetikament irrispondiet bil-mod segwenti, (ara foll 40):

3.1. Illi l-kuntratt li ghalih taghmel referenza s-socjeta` rikorrenti mhux att ta’ kostituzzjoni ta’ debitu izda kuntratt ta’ self u kompravendita;

3.2. Illi fi kwalunkwe kaz din il-procedura tirrigwarda seba’ mitt elf euro, (€700,000.00), mislufa mis-socjeta` rikorrenti lil dik intimata;

3.3. Illi r-rendikont prodott in atti mis-socjeta` rikorrenti hu ghalhekk inkorrett;

3.4. Illi s-socjeta` rikorrenti thallset u qed tippretendi li tithallas imghaxijiet li jeccedu l-kapital misluf u b’hekk, qed tinkiser ir-regola tal-*ultra duplum*;

3.5. Illi ssosstni li qed thallas id-debitu taghha billi tbiegh il-proprjeta` immobbli taghha bir-rikavat imur ghand l-istess socjeta` rikorrenti;

3.6. Illi *nonostante* dan, is-socjeta` rikorrenti mhix taghti l-kunsens taghha ghar-riduzzjoni ta’ iskrizzjonijiet ipotekarji, u b’hekk, qed tostakola l-bejgh tal-proprjeta` ingustament;

3.7. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti;

4. Semghet ix-xhieda prodotta;

5. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

6. Rat in-nota datata l-25 ta’ Mejju, 2017, li permezz taghha s-socjeta` intimata **ammettiet** it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti, (ara foll 95);

Ikkunsidrat:

7.0. Illi a bazi tal-ammissjoni fuq indikat ghall-ekonomija tal-gudizzju jinghad sintetikament biss is-segwenti:

7.1. Illi l-procedura odjerna giet intavolata a bazi tal-artiklu 258 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

7.2. Illi l-artiklu fuq indikat jaghti l-fakolta` lil min ikollu titolu ezekuttiv li jiskadilu t-terminu ta’ hames (5) snin minn meta seta’ jezegwixxi t-titolu tieghu, biex **jirravivah**;

7.3. Illi kuntratt *in atti* ta' nutar pubbliku hu meqjus bhala titolu ezekuttiv meta *si tratta* ta' dejn cert, likwidu, u dovut bhal fil-kaz odjern;

7.4. Illi f'dan ir-rigward jirrizulta li l-perjodu ta' hames (5) snin ghadda;

7.5. Illi permezz tan-nota taghha datata l-25 ta' Mejju, 2017, fuq riferita, (ara paragrafu numru sitta, (6.0, aktar qabel), l-istess socjeta` intimata **ammettiet** it-talbiet kollha tas-socjeta` rikorrenti;

7.6. Illi ghalhekk din il-qorti hi sodisfatta li l-obbligazzjoni tal-hlas fuq riferit mis-socjeta` intimata lis-socjeta` rikorrenti ghadha tezisti;

Ikkunsidrat:

8.0. Illi in vista tal-ammissjoni fuq riferita din il-qorti tqis li s-socjeta` rikorrenti pprovat il-kaz taghha skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

8.1. Takkolji t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti;

8.2. Tirrespingi r-risposti tas-socjeta` intimata;

8.3. Tawtorizza lis-socjeta` rikorrenti biex tezegwixxi l-kuntratt fuq riferit datat it-13 ta' Mejju, 1997, *in atti* tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri;

8.4. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata.

_____________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**